# IL-BAZILKA TAL-MADONNA ADDOLORATA GEWWA PESCARA



Id-dehra tal-Madonna tas-Seba' Duluri tmur lura lejn tmiem is-seklu XVI jew il-bidu tas-seklu XVII. Fil-post fejn il-lum hemm l-attwali Santwarju, kien hemm foresta b'hafna sigar fejn ir-raghajja kienu spiss jiehdu n-nghag taghhom biex jirghaw.

Jum wiehed qalb is-sigar dehret tpingija fuq gebla: ix-xena ta' Nzul Kristu mis-salib. L-immagini kienet turi lil  Marija, omm Gesu' b'seba' stalletti jinfdu lil qalbha u fuq hogorha qed izomm il-gisem bla hajja ta' Binha, is-Salvatur tal- bnedmin. Ir-raghajja u l-bdiewa fehemu li dak li kien qed isehh quddiem ghajnejhom kien fatt straordinarju; ghalhekk garrew din l-immagini u qieghduha f'kappella modesta li kienet tinsab f'post jismu Colle Ruscitelli. Dak li kienu xiehda ghalih tant imliehom b'devozzjoni u qima li hadu decizzjoni li jibnu knisja flok dik il-kappella.

Imma l-ghada filghodu sehhet grajja ohra. Hafna kurjuzi li marru fuq il-lok fejn kienet sehhet id-dehra  biex jkunu jafu seww dak li gara, jaraw l-immagini mill-gdid hemmhekk. Hadu x-xbiha fil-kappella biex tkun imharsa b'devozzjoni.  Imma l-ghada  n-nies raw li sehh l-istess fatt prodigjuz jigifieri li l-immagini, mill-kappella terga' issib postha fil-foresta qalb is-sigar.




Mill-gdid l-immagni regghet tqieghdet fil-kappella u hadu kull prekawzjoni biex kull bieb u tieqa jkunu assikurati li huma maghluqa, anzi poggew ghassa ghall-lejl. Kien ghalxejn ghaliex sehh li kien gara jiem qabel. Il-Madonna wriet bic-car li xtaqet lok ta' qima f'dak il-post. Ghalhekk bnew kappella u artal fejn qieghdu ix-xbiha ta' l-Addolorata.

Fis-26 ta' Novembru tas-sena 1665 l-isqof Raffaele Esuberanzio waqqafha bhala l-ewwel Parrocca taht it-titlu ta' Santa Marija tas-Sebgha Duluri. Aktar tard il-kappela tbiddlet f'Santwarju gdid u akbar li gie nawgurat ufficjalment fit-30 ta' Mejju 1757 mill-isqof Mons. Gennaro Fezzelli.

Il-MIRAKLU TAX_XITA'

Fatt singulari xettel u kabbar bis-shih id-devozzjoni lejn din ix-xbiha ta' l-Addolorata. Nixfa kbira hakmet l-inhawi bil-periklu li l-hsad kien ser jispicca ghal kollox. Ghal xi jiem ix-xbiha kienet mehuda processjonalment madwar it-toroq meta fit-12 ta' Mejju nizlet b'abbundanza x-xita,

hekk li l-hsad kien salv. U ta' kull sena fit-12 ta' Mejju jkun celebrat jum ta' radd il-hajr.

Fit-8 ta' Dicembru 1948 fuq struzzjonijiet mill-Vatikan is-Santwarju gie afdat lil Ordni tal-Kappuccini Minuri. Fit-3 ta' Dicembru 1952 il-Papa Piju XII ipproklama lill-Madonna Addolorata patruna tad-Djocesi Penne-Pescara. U kien il-Papa Giovanni XXIII  fuq talba ta' l-isqfijiet li gholla l-knisja santwarju ghal Basilka Minuri fis-16 ta' Gunju 1959.

